# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 19 ta' Novembru 2001**

**Avviz. numru 1681/00**

**Numru 3**

**J.A.V. Services Station Limited**

**vs**

**Nicholas Sammut**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u tmien liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm408.41) prezz ta' fuel u parts lill-konvenut mibjugha u kkonsenjati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-16 ta' Gunju 2000 u tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Gunju 2000 inkluz ir-rikors ghan-notifika wara l-hinijiet legali ipprezentat fit-8 ta' Awissu 2000, u bl-imghaxijiet legali

mis-27 ta’ Gunju 2000 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fis-7 ta' Novembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm408.41,0 bl-imghaxijiet legali mis-27 ta’ Gunju 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-16 ta’ Gunju 2000, ta’ dik ufficjali tas-27 ta’ Gunju 2000 kif ukoll in konnessjoni mar-rikors ghan-notifika tal-istess ittra ufficjali wara il-hinijiet legali, kif indikat fl-istess avviz.

Alan Calleja
Deputat Registratur